MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 417/2004

Kawza fil-lista: 37

**A B f' ismiha proprju u bhala kuratrici "ad litem" ta' binha minuri C D**
**vs**
**E F, id-Direttur tar-Registru Pubbliku u C G H kjamat fil-kawza permezz ta' digriet moghti fit-2 ta' Frar 2006**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici A B kienet mizzewga lill-konvenut E F;

Peress illi l-istess attrici ilha separata minn konvenut ragel taghha xi zmien u dan jirrizulta anki mill-kuntratt ta' separazzjoni datat hmistax ta' Dicembru 2003;

Peress illi l-attrici kellha relazzjoni ma' C G H u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu C D li twieled fid-29 ta' Lulju 2004;

Peress illi dan it-tifel kellu jigi registrat bilfors fuq l-attrici kif ukoll wild legittimu tal-konvenut E F liema tifel mhuwiex il-wild naturali ta' E F;

Peress illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid ta' C D ghandu jigi amendat fis-sens illi l-imsemmi certifikat ma jibqax juri lill-konvenut E F bhala il-missier naturali tat-tarbija imma C G H li dan skond l-istess dikjarazzjoni ta' C G H;

Peress illi l-missier naturali huwa C G H u ghandu jitbiddel il-kunjom tat-tifel u minflok F ghandu jitnizzel H;

Ghaldaqstant ighidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi l-imsemmi minuri C D mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut E F, izda huwa t-tifel naturali tal-missier C G H b' mod li ghalhekk hemm lok ghall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmi minuri f' dan is-sens.

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' C D numru 2670 tas-sena 2004 jigi kkancellat u minflok tigi mnizzla dik l-informazzjoni li tirrizulta fil-kors tal-kawza.

3. Tordna li ghandu jitbiddel kemm id-dettalji tal-missier kif ukoll il-kunjom tal-minuri C D.

Bl-ispejjez kontra l-konvenutili minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi

dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali C G H biex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi biex il-process ikun integru l-allegat missier naturali ghandu interess li jkun parti mill-kawza.

4. Illi jekk it-talbiet attrici jintlaqghu l-kliem "the said" iridu jigu kkancellati minn l-annotazzjoni li tispecifika illi l-attrici sseparat legalment minn mal-konvenut E F fil-15 ta' Dicembru 2003 fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

5. Illi ghandha ssir korrezzjoni fit-tieni talba attrici percisament fin-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni li ghandu jaqra 2670 tas-sena 2004.

6. Illi fir-rigward tat-tielet talba attrici l-esponent jirrileva illi m' hemm l-ebda kolonna li tispecifika il-kunjom tal-minuri fuq l-Att tat-Twelid

7. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut E F li biha qabel mat-talbiet attrici, u senjatament li l-minuri C D mhuwiex il-wild naturali tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza C G H li biha eccepixxa illi huwa ma ghandux oggezzjoni dwar it-talbiet attrici anzi jiddikjara li huwa l-missier naturali ta' C D F.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati u l-listi tax-xhieda ta' dawn il-partijiet;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap.16;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert xjentifiku Christopher Farrugia;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri C D mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut E F, izda huwa l-wild naturali ta' C G H; u talbet il-korrezzjoni relattiva fl-Att tat-Twelid tal-minuri, bin-numru 2670/04

Ghalhekk l-azzjoni odjerna hija bazata fuq id-dispsot tal-Artikolu 77 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi impunjata wkoll minn kull persuna interessata jekk din tipprova li fil-perijodu indikat fl-istess Artikolu r-ragel kien "fl-impossibilita' fisika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha".

F' dan l-istadju u b' referenza ghal valur probatorju tal-prova genetika f' kazijiet konsimili bazati fuq id-dispost tal-Artikolu 77 , il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza *PA[PS] Anna Zammit vs Carmelo Zammit et noe deciza fit-28 ta' Frar 2003.*

Mill-provi jirrizulta li l-attrici u l-konvenut E F zzewwgu fl-1 ta' Settembru 1994, u sseparaw de facto f' Lulju tas-sena 2003, u de jure fil-15 ta' Dicembru 2003. Fil-frattemp, izda wara li l-attrici kienet isseparat de facto minn ma' zewgha hija bdiet relazzjoni mal-kjamat fil-kawza C G H u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri C D.

Illi fid-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, l-attrici ikkonfermat li r-relazzjonijiet intimi bejnha u bejn zewgha kienu ilhom li waqqfu erba [4] snin qabel ma sseparaw, u li wara s-separazzjoni hija kellha biss relazzjoni mal-kjamat fil-kawza C G H.

Illi rizultat ta' testijiet tad-DNA li saru minn kampjuni mehudin minn fuq il-persuni ta' E F, C G H u l-minuri, eskludew lil E F bhala l-missier bilologiku, u kkonfermaw lil C G H bhala il-missier naturali tal-minuri;  u ghalhekk tinsab esklusa b' certezza assodanti l-preteza favor legittimatis krejata bl-att tat-twelid tal-minuri, bin-numru 2670/04

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-minuri C D mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut E F, izda huwa t-tifel naturali ta' C G H li ghandu n-numru ta' l-identita' 135490M, bin il-mejjet Alfred imwieled il-Kanada u li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija kellu 35 sena u kien joqghod il-Mosta; u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkorreggi l-Att tat-Twelid numru 2670/04 tal-minuri C D billi jitnehhew l-isem u l-konnotati ta' E F u minflok jitnizzel l-isem ta' ta' C G H, u l-konnotati tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici proprio u tal-kjamat fil-kawza C G H fi kwoti wgwali bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------